# ITTRA TAS-SUR ROB. MIFSUD BONNICI

Sena ilu miet il-Membru Akkademiku s-Sur Robert Mifsud Bonnici, P.E.P., kittieb magħruf u msemmi għal bosta xogħlijiet li ħalla lill-qarrejja bil-Malti.

Sur Rob. Mifsud Bonnici kien raġel sewwa, dħuli, ferrieħi, ħabib ta' kulħadd. Kellu ħbieb li jgħożżuh mhux biss f'Malta imma barra wkoll u ħafna minnhom kienu dlonk jiktbulu għal xi parir jew aħbar.

Il-ħabib tagħna s-Sur Dwardu Zarb ta' Toronto, Kanada, bagħtilna din l-ittra li hu kien irċieva minn għand is-Sur Robert Mifsud Bonnici qabel ma dan miet u minnha jidher kemm is-Sur Mifsud Bonnici kien jieħu interess fil-Maltin ta' barra u kemm kien lest biex iwasslilhom aħbarijiet dwar art twelidhom.

70 Villa Ambrosa, Ħamrun.
11 ta' Mejju, 1962.

Għażiż Dwardu Zarb,

Waslitli l-ittra tiegħek tat-28 ta' April. Grazzi ħafna ta' l-attenzjoni tiegħek lejja. Emminni, ikwetajt ruħi, li inti għadek ma rċevejtx l-kotba li jien bgħattlek b'kemm jiswew ftit iktar minn żewġ liri u ħallast posta għalihom erba' xelini u nofs barra minn xelin u nofs ieħor ta' l-ittra bl-ajru. Il-kotba sarrhomli s-Sur Joe Galea tal-Bibljoteka. Nistagħġeb għadda xahar u ma waslux! Nittama li sa ma tasallek din l-ittra l-kotba tkun ġa rċevejthom.

Illum, abbonajtek fil-"Il-Berqa". L-inqas abbonament hu għal sitt xhur. Ħlas bil-quddiem £2.5.6. Hawn issib l-irċevuta.

Dwar id-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali li qiegħed joħroġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni f'żewġ kolonni fir-Review tliet darbiet flok darbtejn fix-xahar; iżda, xi ħbieb interessati qegħdin jaħdmu biex issir interpellanza fil-Parlament b'talba biex il-Gvern jieħu ħsiebu u jippubblikah fl-inqas żmien billi huwa ta' interess nazzjonali u ta' riferenza kontinwa. Infatti, illum stess irċevejt ittra interessanti ħafna. Giuseppe Camilleri miż-Żejtun talabni tagħrif iżjed dwar ċertu Monsinjur Bonito, Isqof għaref Malti tas-seklu XVI, trabba f'Malta fl-Ordni Serafiku ta' l-Osservaturi Minuri. Iż-Żejtun hemm sqaq jismu Sqaq Bonito u jinsabu xi familji fl-istess Raħal bil-laqam "Ta' Bonito". Barra minn dan, Camilleri żied għarrafni, li fil-Gwerra 1939-1945, fl-1940, il-"War Office" riedu jafu jekk dan Sqaq Bonito hux imsemmi f'ġieh Nussolini BENITO!! Iżda, il-"War Office" infurmat uffiċjalment li dan l-isem ilu minn żmien żemżem, il-kwistjoni waqfet hawn. Issa inti għidtli l-aħħar numru li int għandek tad-Dizzjunarju biex nibgħatlek il-kumplament imma bil-baħar għax bl-ajru l-posta għalja wisq: xelin u nofs kull nofs uqija!

Attwalment qiegħed nistampa fit-"Times of Malta" pamphlet bil-Malti, Traduzzjoni ta' konferenza li għamel il-Provinċjal Professur Serafin Zarb O.P. fit-Teatru ta' l-Università fein kien hemm preżenti l-Isqfijiet ta' Malta, ir-Rettur ta' l-Università, Imħallfin, u l-aqwa studjużi. Is-suġġett kien fuq il-ħtieġa assoluta ta' Kalendarju Rifurmat. Suġġett xjentifiku immensament iżda irraġunat



b'mod l-iktar sempliċi, li dak li kienu jaraw insormontabbli għaraf jispjegah b'faċilità u prattiċità daqs dik ta' Kristofru Kolombu u l-bajda wieqfa.

Bla ma naf kif, wara l-konferenza tlabtu jagħtini l-iscript biex nagħmel ġabra minnu bil-Malti u nġibha fil-"Leħen". Għoġobtu u tahieli, qalli:— IBŻAGĦLI GĦALIHA GĦAX MA GĦANDIX ĦLIEFHA. XOGĦOL TA' GĦAXAR SNIN. Ġieżu Marija! Ħaġa qatt ma ġratli. Aktar ma bżajt għaliha aktar tliftha! Inqtajt u bil-ġirja, jien u n-neputi ħriġna niġru nfittxuha u fl-aħħar Sant'Antnin sabhielna. Kienet mirfusa u mixħuta b'daqqa ta' sieq taħt l-ewwel tarġa taz-zuntier tal-knisja tal-Ħamrun. Fraħt iktar milli kieku rbaħt kwatern.

Tal-għaġeb! F'jumejn ittraduċejtha; qrajtha lill-awtur, għoġbitu ħafna u skanta mhux ftit . . . u raddejtlu l-iscript bla ma tarraftlu xejn. Malli jkun lest nibgħatlek kopja.

Baqa' ftit tal-wisa' ieħor għad li daqq nofs il-lejl. Ħareġ ir-riżultat tal-Konkors tad-Drammi mniedi mill-Kumitat tat-Teatru Manoel taparsi għall-inkoraġġiment tal-kittieba, għat-tagħlim tal-kotra u għal-letteratura tal-kitba tal-Palk. Jien ħriġt balliju! Daqs kemm l-eżaminaturi rawha morali għoġobhom igħammdu l-Kummiedja soċjali tiegħi bit-titlu ta' "banali", ! B'danakollu, jien għamilt il-kritika tiegħi taħt forma ta' ĦOLMA B'INHAR għandha tidher fil-"Il-Berqa" l-ġimgħa d-dieħla.

Għajnejja qegħdin jintgħalqu bin-ngħas. Inkomplu darb'oħra.

Inselli għalik. Itlob għalija.

Saħħa.

R.M.B.

---

# ROKKU

*Ta' JOHN SCIBERRAS*

Kont nafu 'l Rokku!
B'sellum fuq spalltu,
b'barmil f'idejh mimli bil-pniezel kbar,
bil-ġir fuq wiċċu u mal-ħġieġ tan-nuċċali,
(għax kien bajjâd)
b'qalziet sewdieni mraqqa' u qmis griża,
kultant kont nilmħu għaddej......
minn xogħol għal xogħol!
M'għamilx għeġubijiet li jsaħħru Rokku
u lanqas ra dehriet
jew bassar il-ġejjieni......

B'dankollu (għalija) kien qaddis fuq l-art.

Mulej, nittama li bħalissa qiegħed
ibajjadlek il-Ġenna
bis-safa ta' ruħu!
Fejn taf kemm kien ħabrieki!